# IL-BANDA VITTORIOSANA SAN LAWRENZ

L-ewwel Banda i tissemma fl-istorja ta' din il-belt kien fis-sena 1838 meta fil-Birgu nġibet il-vara ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li kien ħadem Xandru Farrugia għall-Parroċċa ta' San Lawrenz. Meta nġibet din il-vara, kif waslet il-Birgu kien hemm tistenniha banda mużikali. X'banda kienet ma nafux, iżda kienet banda quddiem il-Knisja tistenna l-vara l-ġdida.



Il-Kanonku Dun Ġian Mari Farrugia li għamel żmien jgħarbel ġrajjiet il-Birgu jgħid li fis-sena 1858 is-Surmast Masu tal-Banda militari, kien jgħallem l-istrumenti tal-banda liż-żgħażagħ tal-Birgu f'dar fit-triq tal-Lhud li kien jisimha Strada Palazzo Antico del Governatore. Id-dar fejn kienu jiltaqgħu kienu jsejħulha "Incontro" u mhux każin, kelma li daħlet żmien wara. Fis-sena 1865 il-grupp ta' bandisti kien jilħaq xi 65, u fis-sena ta' wara, dawn il-Bandisti inġabru l-Belt Valletta biex l-isqof Pace Forno jberkilhom l-ewwel standard aħmar tal-banda li huma kienu jsejħulha ta' l-Iljun. Il-Banda allura fis-sena 1868 kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Paolino Vassallo: ġara iżda li kien hawn imxija serja tal-kolera li ġarret magħha fil-qabar bosta nies u l-Banda tħarbtet. Barra minn hekk minħabba nuqqas ta' xogħol u l-faqar li kien hawn, uħud emigraw lejn Tuneż, l-Alġier, Lixandra u Ċipru.

Fis-sena 1882 ġewwa Lixandra fejn kien hemm bosta Maltin, inqala inkwiet intern u bosta Maltin ġew lura. Bis-saħħa ta' dan, il-Banda reġgħet ingħaqdet minn Ġużeppi Portelli. Kienu jiltaqgħu fid-dar Nru 62 Strada Porta Maggiore. L-Għaqda kellha bħala President Lorenzo Vella. Fis-sena 1883 il-Banda ħadet l-isem ta' Banda Unione u kienet taħt is-Surmast Nazju Catania. Fost is-sehem tagħha ġia nsibu minn dak iż-żmien il-Banda tieħu sehem fil-festi fosthom dik ta' Santu Kruċ tal-Belt li allura kienet festa popolari ħafna. Minn hemm il-Banda qabdet it-triq sewwa u fis-sena 1888 kienet taħt it-tmexxiija tas-Surmast magħruf Gaetano Grech imlaqqam Palazzi li kellu ħuh ukoll Arċipriet tal-Birgu. Taħt dan is-Surmast għamlet progress kbir tal-bidu u t-triq li qabdet kienet waħda ta' suċċessi taħt maestri oħra bħal A.P. Hare, Giovanni Giumarra, Car. M. Artz. Pacifico Scicluna u Hector Dalli.

Fis-sena 1891, il-Banda kienet ħadet l-isem ta' Duke of Edinburgh u bdiet iġġib l-uniformi ta' uffiċjalita Ngliża. Kienet spiss tieħu sehem fid-dar ta' l-Armirall u tal-Commander in Chief f'diversi okkażjonijiet. Diversi drabi wettqet kunċerti kemm fil-pubbliku kif ukoll fit-Teatru Rjal jew fit-Teatru Manoel fost udjenzi ta' nies ta' kull klassi.

Għal bidu tas-snin tas-seklu għoxrin, taħt is-Surmast Giumarra kienet saret magħrufa wisq, speċjalment wara l-konkos tal-baned li kien sar fl-aħħar snin tas-seklu 19 meta l-għajta kienet dik li l-Banda tal-Birgu li ħarġet l-ewwel baqgħet l-ewwel - hekk kienet l-għajta.

Imma lejn is-snin 1920 il-banda ġiet f'idein is-Surmast Ġermaniż Carl Marija Artz, li kien Surmast tal-orkestra ta' Berlin, u hawn il-banda laħqet l-għola isem u l-għola unuri għall-esekuzzjonijiet tagħha kif ukoll għal mużika preżentata.

Taħt dan is-surmast il-banda kompliet tiġbor popli sħaħ warajha u laħqet twettaq programmi aktar minn wieħed fil-ġimgħa. Tista' tgħid li kienet tieħu sehem fil-festi prinċipali kollha. Kien ukoll is-sehem ta' din il-banda li tat bidu għal Festi Nazzjonali li allura kienu jsiru fil-Birgu u snin wara bdew isiru fi bliet oħra sakemm ġew magħrufa uffiċċjalment bħala l-Festi Nazzjonali.

Wara s-surmast Carl. M. Artz, il-Banda tmexxiet mis-Surmast Paċifiku Scicluna li kien alliev ta' l-istess Artz u assistent tiegħu, allura bla dubju kabbar it-talent mużikali miegħu. Fil-fatt is-Surmast Paċificu irnexxielu jmexxi ġewwa Bormla fil-festa tal-Kunċizzjoni l-opra TOSCA, biċċa xogħol kbira li wriet il-ħila tiegħu u tal-bandisti. Naturalment dak iż-żmien il-Banda kellha l-bandisti verament tagħha, ħaġa li llum naqset ħafna fost il-baned.

# IL-BANDA VITTORIOSANA SAN LAWRENZ

Ġiet il-gwerra u ħarbtet il-Birgu, imma hekk kif bdiet it-tbexbixa tal-paċi, il-Banda Duke of Edinburgh malajr feġġet bħala l-ewwel banda wara l-gwerra billi esegwiet il-Festa fl-10 ta' Awissu 1943, banda organizzata mis-Surmast Scicluna. Kien il-bidu ta' era ġdida ta' wara l-gwerra. Xhur wara ħadet sehem fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla u mis-sena 1944 reġgħet għal ħajja mill-ġdid ta' żmien il-paċi.
Wara l-mewt tas-surmast dekan Paċifico Scicluna, il-banda ġiet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Hector Dalli, magħruf ukoll għall-ħila mużikali li kompla fit-triq tal-progress. Fis-sena 1978 il-Banda ħadet l-isem tal-Qaddis Padrun tal-Birgu. Fis-sena 1980 il-Banda ingħatat it-tmexxija tas-Surmast Paul Schembri li b'ħila kbira baqa jmexxi din il-Banda b'tant programmi u kunċerti sal-ġurnata tal-lum.
Minkejja d-diffikultajiet u l-ostakoli li kull banda tiltaqa' magħhom, il-Banda għadha mmexxija b'għaqal u bl'abbilità tas-Surmast u tal-mexxejja tagħha kif ukoll ta' l-ammiraturi Vittoriosani li jħobbu l-Birgu u l-San Lawrenz tassew.

***Lorenzo Zahra***



